DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2014

dwar ir-rifjut ta' talba għall-kanċellament ta' isem imdaħħal fir-reġistru ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Jihočeská Niva (IĠP))

(notifikata bid-dokument C(2014) 8391)

(It-test bis-Slovakk biss huwa awtentiku)

(2014/819/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jipprevedi li, minbarra talbiet mill-produtturi tal-prodott mibjugħ bid-denominazzjoni rreġistrata, il-Kummissjoni tista' tikkanċella r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika protetta fejn ma tkunx żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni jew fejn ma jkun tqiegħed fis-suq l-ebda prodott taħt l-indikazzjoni ġeografika protetta għal mill-inqas seba' snin.

(2) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba biex tiġi kkanċellata r-reġistazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Jihočeská Niva" mibgħuta mis-Slovakkja fl-20 ta' Settembru 2013 u riċevuta fis-27 ta' Settembru 2013.

(3) Din it-talba għall-kanċellazzjoni ma taqa' taħt l-ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u, għalhekk, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

(4) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, it-talba biex tiġi kkanċellata l-indikazzjoni ġeografika protetta "Jihočeská Niva" imressqa mis-Slovakkja, għandha tiġi rrifjutata.

(5) Il-miżura li hemm dispożizzjoni dwarha f'din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-talba għall-kanċellament tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Jihočeská Niva" hija rifjutata.

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni